

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2008/2213(INI)

3.12.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar Karrieri aħjar u aktar mobbiltà: Sħubija ewropea għal riċerkaturi
(2008/2213(INI))

Rapporteur għal opinjoni(*): Bilyana Ilieva Raeva

(*) Kumitat assoċjat - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Istrateġija ta' Liżbona taħseb biex tistabbilixxi l-Unjoni Ewropea bħala l-ekonomija l-aktar kompetittiva u l-aktar dinamika fid-dinja sal-2010 u biex issaħħaħ l-attivitajiet ta' riċerka, sabiex l-innovazzjoni tikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u għal titjib tal-kwalità tal-impjiegi,
- B. billi huwa meħtieġ li l-UE tissielet kontra t-tendenzi ekonomiċi negattivi billi tiffoka fuq l-edukazzjoni u r-riċerka u għalhekk għandha twettaq kull sforz biex tiżgura l-impjegar, is-sigurtà u l-mobilità taż-żgħażaġh u biex dawn jibqgħu fl-UE,
- C. waqt li jqis il-fatt li r-riċerka tissaħħaħ u tintuża b'mod tajjeb fuq livell Ewropew meta tkun utillizzata flimkien mal-mobilità tar-riċerkaturi u ma' koperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet li japplikaw riċerka bħal din, b'mod partikolari l-impriżi żgħar u ta' daqs medju,
 1. Jilqa' b'sodisfazzjon u jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal Ftehim ta' Sħubija Ewropea għar-Riċerkaturi u jqis li l-miżuri proposti għandhom ikunu effettivi biex jitneħħew l-ostakli biex tinholq Żona ta' Riċerka Ewropea (ERA);
 2. Jistieden lill-Istati Membri biex japplikaw il-miżuri diġà adottati fuq livell Ewropew dwar l-ERA¹, li jikkostitwixxu pass essenzjali għar-realizzazzjoni tagħha;
 3. Jitlob sabiex il-mobilità għar-riċerkaturi tkun akkumpanjata minn miżuri ta' integrazzjoni xierqa;
 4. Jenfasizza l-ħtieġa li jittieħed impenn għall-programm propost bl-adozzjoni ta' proposti konkreti, kif ukoll li tkun żgurata t-tkomplija rapida tal-oġġettivi assoċjati mal-programm speċifiku 'Nies' taħt is-Sebġha Programm ta' Qafas għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u d-Dimostrazzjoni (2007-2013)²;
 5. Hu tal-fehma li r-rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri u mill-istituti ta' riċerka tal-kwalifiki tar-riċerkaturi fi ħdan il-qafas ta' kwalifiki tal-UE iżid il-mobilità u jiżgura integrità sħiħa fl-għamla tal-gruppi tar-riċerka;
 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politika ġdida li taħseb biex tiggarrantixxi li fil-kuntratt jiġu pprovduti ħarsien soċjali u assigurazzjoni soċjali, b'mod partikolari f'kuntratti għal perjodu qasir jew f'kuntratti ta' tul varjabbli;

¹ Pakkett dwar il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi, il-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ ta' Riċerkaturi, u l-'Viża Xjentifika'.

² Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Sebġha Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (*G U L 412, 30.12.2006, p. 1*).

7. Iqis li għandu jsir kull sforz biex ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki miksuba f'pajjiżi terzi isir b'aktar ħeffa;
8. Huwa mħasseb bin-nuqqas ta' flessibilità offruta għall-kuntratti tar-riċerkaturi tal-esperjenza jew fit-tmiem tal-karriera, ċirkustanza li tostakola l-mobilità u ttelef l-iskambju xieraq tal-għarfien u tal-esperjenza; jiddispijaċih li s-settur privat xi drabi ma jkollux arranġamenti simili għal dawk tas-settur pubbliku għat-trattament u l-ġestjoni tal-persunal;
9. Jirrikkmanda biex il-progress fis-settur tar-riċerka, partikolarment għar-riċerkaturi żgħażaġh, ikun ibbażat fuq il-kompetenzi u l-eċċellenza minflok ma jkun stabbilit biss fuq l-ammont ta' snin fl-impjieg, b'rispett xieraq għall-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bi qbil mal-liġi Komunitarja;
10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw politiki mfasla biex jippromwovu bilanċ aħjar bejn il-ħajja u x-xogħol għar-riċerkaturi;
11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jadottaw miżuri li jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja u biex jappoġġjaw lir-riċerkaturi nisa;
12. Jirrikkmanda bil-qawwa li jkun hemm taħriġ aħjar għar-riċerkaturi matul il-karriera tagħhom sabiex itejbu l-possibilitajiet tagħhom ta' xogħol u ta' promozzjoni;
13. Jenfasizza l-ħtieġa ta' rabtiet aħjar bejn l-akkademja u l-industrija sabiex ikun hemm titjib fil-prospetti tal-akkademiċi u l-kapaċità li wieħed jagħmel użu prattiku mir-riżultati tar-riċerka;
14. Jenfasizza l-ħtieġa li jkunu identifikati l-aħjar prattiki fl-akkademja u fl-industrija sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati linji gwida komuni xierqa;
15. Huwa tal-fehma li intensifikazzjoni tal-iskambji fi ħdan il-programmi rilevanti li jikkonċernaw l-edukazzjoni għolja Ewropea, b'attenzjoni partikolari fuq ir-riċerka, tipprepara l-ġenerazzjonijiet futuri ta' riċerkaturi Ewropej u tagħmel lis-settur tar-riċerka aktar dinamiku;
16. Iqis li huwa xieraq li jafda aktar lir-riċerkaturi żgħażaġh bi proġetti ta' riċerka u jinkoraġġixxi l-awtonomija fl-istudji kif ukoll it-trasferiment tal-kompetenzi bejn il-ġenerazzjonijiet; jemmen ukoll li jeħtieġ li jiġu promossi azzjonijiet ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi bil-għan li r-riċerkaturi jitħarrġu fil-bidu tal-karrieri tagħhom, flimkien ma' għajnuna għall-promozzjoni ta' pubblikazzjonijiet, studji u kotba minn riċerkaturi bil-għan li jinxtered l-għarfien u li jiġi appoġġjat it-taħriġ teoretiku u xjentifiku ta' riċerkaturi żgħażaġh;
17. Iqis li l-Istati Membri jridu jkomplu jżidu l-mezzi baġitarji allokatu għar-riċerka, bil-għan li jinħolqu impjegi ta' kwalità li jikkonformaw mal-prinċipji etiċi bażiċi u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
18. Jisħaq li l-pedament għal riċerka ta' kwalità eċċellenti f'soċjetà bbażata fuq l-għarfien jinsab fl-iskola; jistieden lill-Istati Membri għalhekk biex jonoraw il-wegħdiet baġitarji

tagħhom fil-qasam tal-edukazzjoni;

19. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jgħollu l-profil tar-riċerka xjentifika fil-baġit tal-Unjoni Ewropea, skont l-impenn meħud sabiex jinkiseb tkabbir ta' 3% u biex jiġiharrġu 600,000 riċerkatur aktar sal-2010;
20. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw il-ħolqien ta' suq tax-xogħol Ewropew ġenwin għar-riċerkaturi, biex jimplementaw pakkett koerenti ta' miżuri ta' sostenn bil-għan li jiġu eliminati l-ostakoli għall-mobilità professjonali, speċjalment fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sigurtà soċjali u mat-taxxi li jaffettwaw lir-riċerkaturi, billi dawn ta' spiss iżommu persuni milli jsiru riċerkaturi, u sabiex jippromwovu l-prospetti tal-karrieri tar-riċerkaturi fl-Ewropa, speċjalment billi jassiguraw lhom kundizzjonijiet finanzjarji u livelli ta' paga xierqa; jemmen ukoll li għandhom jitqiesu l-aspetti kwalitattivi tat-taħriġ fir-riċerka, il-kondiviżjoni tal-għarfien bejn is-setturi u bejn l-entitajiet ta' riċerka permezz tar-riċerkaturi nfushom, filwaqt li titħeġġeġ il-mobilità reċiproka bejn l-akkademja u n-negozju, u l-parteciġazzjoni msaħħa tar-riċerkaturi nisa u tar-riċerkaturi żgħażaġh fl-R&D;
21. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iqisu l-programmi ta' mobilità u ta' sħubija ma' pajjiżi terzi, bħall-Erasmus Mundus, fil-kuntest ta' rekwiżiti tal-interazzjoni u l-mobilità tal-karriera tar-riċerkaturi kollha li jipparteċipaw;
22. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest tas-sħubija Ewropea għar-riċerkaturi, sabiex tiżgura li jkun hemm lok għal inċentivi biex riċerkaturi mill-Istati Membri li jaħdmu barra mill-UE jirritornaw, kif ukoll għal riċerkaturi eċċellenti fpajjiżi terzi sabiex jistabilixxu ruħhom fl-UE.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	2.12.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 38 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Andersson, Edit Bauer, Iles Braghetto, Philip Bushill-Matthews, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Luigi Cocilovo, Jean Louis Cottigny, Jan Cremers, Proinsias De Rossa, Harald Ettl, Carlo Fatuzzo, Ilda Figueiredo, Stephen Hughes, Ona Juknevičienė, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Jan Tadeusz Masiel, Maria Matsouka, Juan Andrés Naranjo Escobar, Csaba Óry, Siiri Oviir, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Pier Antonio Panzeri, Rovana Plumb, Bilyana Ilieva Raeva, José Albino Silva Peneda, Jean Spautz, Gabriele Stauner, Ewa Tomaszewska, Anne Van Lancker
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Petru Filip, Donata Gottardi, Marian Harkin, Magda Kósáné Kovács, Sepp Kusstatscher, Jamila Madeira, Viktória Mohácsi, Anja Weisgerber